



Kunsill Ewropew

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

EUCO 17/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0810(NLE)**

CO EUR 13
INST 344
CONSULT 5
PE 110
ECOFIN 892
UEM 249

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kunsill Ewropew

Suġġett: **Ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**
- Konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew
- Konsultazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Annessi l-abbozzi ta' ittri mill-President tal-Kunsill Ewropew lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-President tal-Bank Ċentrali Ewropew rispettivament bil-ħsieb tal-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (12137/23) u s-CV tas-Sur Piero CIPOLLONE ser ikunu mehmużin mal-ittri.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill Ewropew

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

Fid-19 ta' Settembru 2023, il-Kunsill ippreżenta lill-Kunsill Ewropew, konformement mal-Artikolu 283(2) TFUE, rakkomandazzjoni dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew [ref. 2023/0810 (NLE)].

Konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 283(2) TFUE, il-Kunsill Ewropew b'dan jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar dik ir-rakkomandazzjoni. Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew qed jiġi kkonsultat ukoll.

Il-Kunsill Ewropew ikun grat jekk il-Parlament Ewropew ikun jista' ġentilment jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien raġonevoli sabiex jippermetti lill-Kunsill Ewropew jiddeċiedi dwar il-ħatra fil-laqgħa tiegħu tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023, bil-ħsieb tar-riżenja tas-Sur Fabio Panetta mill-pożizzjoni tiegħu bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-1 ta' Novembru 2023.

Dejjem tiegħek,

Charles MICHEL

President tal-Kunsill Ewropew

Mehmuża:

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill Ewropew

lil: President tal-Bank Ċentrali Ewropew

Sinjura,

Fid-19 ta' Settembru 2023, il-Kunsill ippreżenta lill-Kunsill Ewropew, konformement mal-Artikolu 283(2) TFUE, rakkomandazzjoni dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew [ref. 2023/0810 (NLE)].

Konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 283(2) TFUE, il-Kunsill Ewropew b'dan jikkonsulta lill-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar dik ir-rakkomandazzjoni. Il-Parlament Ewropew qed jiġi kkonsultat ukoll.

Il-Kunsill Ewropew ikun grat jekk il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' ġentilment jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien raġonevoli sabiex jippermetti lill-Kunsill Ewropew jiddeċiedi dwar il-ħatra fil-laqgħa tiegħu tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023, bil-ħsieb tar-riżenja tas-Sur Fabio Panetta mill-pożizzjoni tiegħu bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-1 ta' Novembru 2023.

Dejjem tiegħek,

Charles MICHEL

President tal-Kunsill Ewropew

Mehmuża:
